



Brussell, 7 ta' Ġunju 2019
(OR. en)

9313/19
ADD 3

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0105(COD)

CODEC 1080
ENFOPOL 245
JAI 521
EF 194

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li tistabbilixxi regoli li jiffaċilitaw l-użu ta' informazzjoni finanzjarja u informazzjoni oħra għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni, l-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni ta' ċerti reati kriminali u li tħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/642/ĠAI (l-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġislattiv - Dikjarazzjoni

Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni

B'rabta mal-Artikolu 9 tad-Direttiva, il-Kummissjoni jiddispjaċiha li, għall-kuntrarju tal-proposta oriġinali tagħha, id-Direttiva ma tinkludix regoli dwar skadenzi preċiżi u kanali tal-IT għall-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Unitajiet tal-Intelligence Finanzjarja ta' Stati Membri differenti. Il-Kummissjoni jiddispjaċiha wkoll li l-kamp ta' applikazzjoni ta' dan l-Artikolu ġie limitat għal każijiet ta' terroriżmu u kriminalità organizzata assoċjata mat-terroriżmu, u ma jkoprix it-tipi kollha ta' reati kriminali serji, kif oriġinarjament propost. Il-Kummissjoni ser tkompli tirrifletti fuq il-kooperazzjoni bejn l-Unitajiet ta' Intelligence Finanzjarja, b'mod partikolari bħala parti mir-rapporti tagħha dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva u tad-Direttiva kontra l-Ħasil tal-Flus.